Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni
Il-President

6.2.2026

Is-Sa Elissavet Vozemberg-Vrionidi
President
Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar it-tisħiħ tal-konnettività, il-ħarsien tal-wirt kulturali u t-tħeġġiġ tal-eċċellenza lokali fit-turiżmu Ewropew: il-ġestjoni tad-destinazzjonijiet u t-tkabbir tat-turiżmu reġjonali (2025/2120(INI))

Sinjura President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Novembru 2025, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni ddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra. Eżamina l-kwistjoni waqt il-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Jannar 2026 u adotta l-opinjoni matul din l-istess laqgħa[1]. Issa nistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport finali tiegħu.

SUĠĠERIMENTI

A. Jirrikonoxxi s-setturi kulturali u kreattivi bħala pilastri tat-tkabbir sostenibbli, il-koeżjoni soċjali u l-kompetittività fl-Unjoni Ewropea, b'aktar minn 7,9 miljun persuna impjegati f'attivitajiet kulturali fl-2024; dan jammonta għal 3,8 % tal-impjiegi totali u jinkludi madwar 1,2 miljun ditta, li minnhom aktar minn 99 % huma SMEs, li jirrappreżentaw 3,95 % tal-valur miżjud tal-UE;

B. Iqis it-turiżmu kulturali, bil-komponenti varji kollha tiegħu, inkluż it-turiżmu sportiv, bħala wieħed mill-muturi ewlenin tat-turiżmu fl-Ewropa, li kapaċi jsaħħaħ l-ekonomija

[1] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Nela Riehl (President), Diana Riba i Giner (Viċi President), Hristo Petrov (Viċi President), Zsuzsanna Borvendég, Laurence Farreng, Gabriela Firea, Loucas Fourlas, Mario Furore, Chiara Gemma, Sunčana Glavak, Maria Guzenina, Hannes Heide, Łukasz Kohut, Giusi Princi, Sabrina Repp, Manuela Ripa, Sandro Ruotolo, Joanna Scheuring-Wielgus, Anthony Smith, Marco Squarta, Zoltán Tarr, Eugen Tomac, Ivaylo Valchev, Annamária Vicsek, Milan Zver, Adrián Vázquez Lázara (Membru skont l-Artikolu 216(7)), u Pál Szekeres (Membru skont l-Artikolu 216(7)).

lokali u jippromwovi prattiki tajbin għall-konservazzjoni u l-interpretazzjoni awtentika tal-wirt kulturali flimkien mal-promozzjoni tad-diversità kulturali tal-Ewropa;

C. Jenfasizza li r-reġjuni muntanjużi, ultraperiferiċi, marittimi, rurali u remoti joffru pajsaġġi, kultura u tradizzjonijiet uniċi u li t-titjib tal-konnettività tagħhom huwa essenzjali biex il-komunitajiet lokali jkunu jistgħu jgħixu, jaħdmu u jirnexxu, filwaqt li jippreservaw l-eċċellenza u l-identitajiet kulturali;

D. Billi t-turiżmu eċċessiv, u prattiki oħra tat-turiżmu mhux sostenibbli, jirriskjaw li jagħmlu ħsara lill-wirt kulturali, jgħollu l-għoli tal-ħajja u jikkontribwixxu għall-kriżi tal-akkomodazzjoni; billi l-użu effettiv tal-pjanijiet ta' ġestjoni, li jirrispettaw il-komunitajiet lokali, jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-protezzjoni tal-wirt kulturali, filwaqt li jisfrutta l-assi kulturali uniċi b'mod sostenibbli u responsabbli, filwaqt li jrawwem l-innovazzjoni, il-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli;

1. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu protetti l-forom kollha ta' wirt kulturali, kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol kruċjali tagħhom bħala riżorsa edukattiva għall-ġenerazzjonijiet futuri u fil-promozzjoni tal-identitajiet reġjonali, nazzjonali u Ewropej, id-diversità kulturali, il-koeżjoni soċjali, u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli;

2. Jisħaq fuq l-importanza li l-komunitajiet lokali u l-wirt kulturali, inkluż il-pajsaġġi kulturali, jitqiegħdu fiċ-ċentru tat-teħid ta' deċiżjonijiet rigward il-ġestjoni tal-attivitajiet kollha tat-turiżmu, inkluż l-attivitajiet kulturali, sportivi u ta' benesseri, sabiex jiġu żgurati benefiċċji ekwi kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għar-riżorsi kulturali;

3. Jistieden lill-Istati Membri jniedu kampanji ta' turiżmu kulturali li jippromwovu destinazzjonijiet anqas magħrufa u żoni mhux użati biżżejjed jew żvantaġġati, biex joħolqu xenarju tat-turiżmu kulturali aktar ibbilanċjat li jrawwem approċċi minn isfel għal fuq fit-tfassil tal-politika, fl-ippjanar strateġiku u fil-ġestjoni tad-destinazzjonijiet;

4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw offerti flessibbli ta' turiżmu kulturali u sostenibbli li jkunu kapaċi jirrispondu għal domandi dejjem aktar varjati f'termini ta' motivazzjonijiet, xejriet, u xejriet staġjonali. L-offerti jistgħu jippreżentawhom bħala setturi tat-turiżmu mmirati (il-gastronomija, il-benesseri, in-natura) permezz ta' kollaborazzjoni b'saħħitha bejn is-setturi pubbliċi u privati, b'enfasi fuq ir-rwol tal-attivitajiet kulturali u sportivi bħala attrazzjonijiet turistiċi;

5. Jenfasizza r-rwol kritiku tat-teknoloġiji diġitali u l-intelliġenza artifiċjali fit-titjib tal-viżibbiltà, tal-ġestjoni tal-fluss tal-viżitaturi, tal-kapaċità ta' ġarr, tal-aċċessibbiltà u tat-tgawdija tal-wirt kulturali, speċjalment għal żoni iżgħar u ġeografikament żvantaġġati, sabiex jgħinu fil-ġlieda kontra d-depopolazzjoni u d-deżertifikazzjoni, u fil-preservazzjoni tal-benesseri; jisħaq li l-adozzjoni ta' għodod diġitali u tal-IA għandha ssegwi approċċ iċċentrat fuq il-bniedem u bbażat fuq id-drittijiet;

6. Jappella għal investiment fid-diġitalizzazzjoni tal-kontenut kulturali u fil-ħiliet diġitali għall-ħaddiema kulturali, filwaqt li jisħaq li tali għodod għandhom jikkomplementaw, u mhux jissostitwixxu, l-esperjenzi kulturali wiċċ imb wiċċ u t-turiżmu bbażat fil-komunità.

7. Jenfasizza l-użu ta' teknoloġiji diġitali u għodod innovattivi biex jiġi appoġġjat it-turiżmu kulturali alternattiv fejn is-siti huma fraġli wisq biex wieħed iżurhom personalment;

8. Jistieden lill-Istati Membri jiffinanzjaw l-iżvilupp ekosostenibbli, inkluż it-trasport lejn, minn u madwar is-siti kulturali, sabiex tiġi żgurata ġestjoni sostenibbli tad-destinazzjonijiet, tiġi promossa l-prosperità lokali u tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea.

9. Jenfasizza l-qafas strateġiku l-ġdid, il-"Boxxla Kulturali", kif ukoll il-potenzjal ta' inizjattivi tal-Unjoni bħal DiscoverEU, il-Kapitali Ewropej tal-Kultura, u ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew bħala għodod siewja biex il-wirt kulturali Ewropew isir aktar aċċessibbli għaż-żgħażagħ, b'mod partikolari dawk b'anqas opportunitajiet; u jħeġġeġ l-inklużjoni sinifikanti tagħhom fl-istrutturi ta' governanza kulturali u tat-turiżmu;

10. Jenfasizza l-valur tar-rotot kulturali u l-mogħdijiet għall-mixi fuq distanzi twal, bħar-Rotot Kulturali Ewropej, bħala magni ta' turiżmu sostenibbli u bbażat fil-komunità; jappella għal kooperazzjoni Ewropea aktar b'saħħitha bi standards ta' sostenibbiltà kondiviżi, il-wirt u l-protezzjoni tiegħu, sinjalar ikkoordinat u aċċessibbiltà biex jissaħħaħ ir-rwol tagħhom bħala pontijiet kulturali tranżnazzjonali;

11. Jappella għal strateġiji tat-turiżmu kulturali li jagħtu prijorità lill-aċċessibbiltà, b'tali mod li l-persuni kollha, inkluż il-persuni b'diżabbiltà, ikunu jistgħu jgawdu l-esperjenzi kulturali bis-sħiħ.

Dejjem tiegħek,

Nela Riehl

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal opinjoni, is-Sa Lara Magoni, tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li fl-opinjoni tagħha ma inkludiet ebda kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).